# Ġużepp Curmi (il-Ġirbi)

Is-sena 2004 tfakkarna f'avveniment storiku kbir tan-Nadur tagħna - it-Tberik Solenni tal-Knisja tagħna ddedikata lill-Prinċipijiet ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl. Dar sar mitejn sena ilu mill-Kappillan Dun Franġisk Sapiano. U għalhekk in-Nadur qed iħejji sew ħalli jsiru festi xierqa biex titfakkar din il-ġrajja għażiża.

Kien fis-sena 1804 li tlestiet il-Knisja l-ġdida li kienet bdiet tinbena minn Mastru Mikiel Pisano, mgħallem tal-bini min-Nadur stess, 44 sena qabel, fuq disinn ta' Ġuże' Bonnici, arkitett ta' ħila renomata ta' l-Ordni ta' San Ġwann, matul il-parrukat ta' Dun Salv Galea. Kien dan il-kappillan li bierek l-ewwel ġebla fit-28 ta' Settembru, 1760. Min jista' jfisser il-ferħ li ħassew in-Nadurin dakinhar. U kemm ferħu iktar meta fl-24 ta' Ġunju 1804, il-Kappillan Sapiano ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fit-Tempju l-ġdid! Imbagħad ftit jiem wara ġiet l-Imnarja, l-ewwel waħda li saret fil-Knisja l-ġdida. Ġew nies minn kullimkien u l-barranin kollha ntilfu fl-ammirazzjoni tagħha.

Sabiex festa tirnexxi jridu jsiru ħafna preparamenti minn qabel. Fin-Nadur għandna diversi għaqdiet konnessi mal-festa prinċipali. Fost dawn insibu l-Kumitat Armar tal-Pjazza li f'dawn l-aħħar snin mit-twaqqif tiegħu ħadem ħafna u għadu jistinka b'ħeġġa u impenn tassew ammirevoli ħalli jkompli jattrezza u jsebbaħ il-pjazza ewlenija tagħna. Għandu spejjeż kbar ma' wiċċu għax fost il-ħafna proġetti li għandu quddiemu nsibu r-restawr tal-kumplament ta' l-Appostli (8), ir-restawr tal-kolonni ta' l-istess Appostli, u jrid ukoll iħallas il-materjal għall-pedestalli tal-Martirju.

Imma l-isbaħ biċċa xogħol għal din is-sena se tkun bla l-iċken dubju l-pedestall u l-bradella għall-istatwa tad-dimostrazzjoni, liema statwa kienet saret fl-1953 mill-istatwarju Wistin Camilleri. Id-disinn huwa ta' Mark Azzopardi u x-xogħol ġie mogħti lis-Sur Ġużepp Curmi, tal-Ġirbi. M'ilux mort inkellmu fil-*workshop* tiegħu lil dan Ġużepp u sibtu impenjat fuq dan il-proġett. Ħadt gost wisq nara x-xogħol raffinat fl-injam tal-kewba. U kelma ġġib oħra sirt naf ħafna aktar dwar dan Ġużepp u xi xogħlijiet oħra li huwa għamel kemm fil-knisja tagħna kif ukoll fl-armar, speċjalment tal-Pjazza.

Ġużepp huwa iben Pawlu. Min ma jafux lil Pawlu tal-Ġirbi!? Kien jgħin kull meta jiġi mitlub għax kien iħobb lin-Nadur, raħal twelidu. Meta l-marċ tad-dimostrazzjoni kien joqrob lejn il-pjazza hemm kont tara lil Pawlu lest ħdejn ir-rampa li hu stess kien għamel ħalli l-istatwa titla' fuq il-pedestall tagħha. Pedestall imponenti maħdum fl-injam minn Ġuheppi Micallef tar-Rabat, Malta, fuq disinn ta' l-iskultur Carmelo Tonna, mir-Rabat ta' Malta wkoll, bid-dekorazzjoni ta' Ġorġ Fenech minn Ħaż-Żebbuġ. Pawlu kellu s-sengħa ta' mastrudaxxa u mhux darba u tnejn ġie mitlub ħalli jsewwi xi ħsarat li tkun ġarrbet il-Knisja tagħna jew li jkun ġarrab l-armar tal-pjazza. Niftakar is-sena 1953 meta s-salib tal-konkrit tal-koppla sar mill-ġdid għax il-qadim kien qed jaqa' biċċa biċċa. Ix-xogħol sar minn Mario Aquilina, Malti ta' Tripli, jogħqod Tas-Sliema. Għadni nara lil Pawlu jixxabbat mal-lanterna tal-koppla ħalli jibni l-armar biex ikunu jistgħu jaħdmu fuqu. Pawlu kien li għamel id-disinn għall-forma tas-salib u li mbagħad ġie maħdum fl-injam minn ibnu Ġużepp dejjem taħt is-surveljanza ta' missieru. U dan ix-xogħol Pawlu u ibnu Ġużepp għamluh kollu *gratis*.



*Ġużeppi Micallef li ħadem l-injam tal-pedestall flimkien ma Ġużepp u Lino Curmi*

Kien fil-ħanut ta' missieru li Ġużepp beda jmidd idu u jċekċek fix-xogol ta' l-injam. Ma tantx kienet għal qalbu din is-sengħa fl-injam imma xogħol aħjar minn dan ma kienx hemm u jerġa' missieru kellu bżonnu biex jgħinu xi ftit. Matul is-snin Ġużepp għamel diversi xogħlijiet lill-Knisja tagħna. Il-bradelli u l-bankuni ta' l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira huma kollha xogħol minn tiegħu. Anki l-*ambone* huwa ta' Ġużepp. U min jaf kemm-il darba ħa ħsieb l-armar tal-pjazza! Fis-snin 80 il-palk tant kellu ħsarat li għamel xi snin ma jintramax u għal ftit ma spiċċax għand xi furnar għall-ħruq. Imma fl-1986 Ġużepp irranġah fuq fuq ħalli jiddobbaw bih u għamillu sodda ġdida. M'ilux Ġużepp għamel ukoll rampa ġdida ħalli biha jtellgħu l-istatwa tad-dimostrazzjoni fuq il-pedestall u naħseb li din hi t-tielet festa li se jużawha.

Fil-festa ta' din is-sena se jkollna biex nitgħaxxqu tassew bl-armar tal-pjazza tagħna. Għax barra dan kollu li semmejna għandna wkoll ir-restawr ta' l-istatwa tad-dimostrazzjoni li qed issir mill-artist żagħżugħ Naduri James Azzopardi. Prosit kbir lill-Kumitat tant ħabrieki li bl-opri li għamel biddel id-dehra tal-pjazza prinċipali tagħna mil-lejl għan-nhar. Mela ngħidu grazzi lill-Kumitat, napprezzaw dak kollu li huwa għamel u li għad baqagħlu jagħmel, u naraw li ma nħallu 'l ħadd li b'xi att vandalu jasal biex jagħmel xi ħsara f'dan l-armar hekk sabiħ, speċjalment waqt il-ħruq tag-ġiġġifogu f'lejliet il-festa.

***Peter Paul Camilleri***